Ġabra tal-ġurisprudenza

SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Is-Seba' Awla)

tal-5 ta' Ottubru 2023*

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Politika soċjali – Approssimazzjoni tal-leġiżlazzjonijiet tal-Istati Membri dwar it-tkeċċijiet kollettivi – Direttiva 98/59/KE – L-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 1(1)(b) u Artikolu 6 – Proċedura ta' informazzjoni u ta' konsultazzjoni mal-ħaddiema fil-każ ta' pjan ta' tkeċċija kollettiva – Assenza li jiġu nnominati rappreżentanti tal-ħaddiema – Leġiżlazzjoni nazzjonali li tippermetti lil persuna li timpjega li ma tinformax u li ma tikkonsultax individwalment mal-ħaddiema kkonċernati"

Fil-Kawża C-496/22,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mill-Curtea de Apel București (il-Qorti tal-Appell ta' Bukarest, ir-Rumanija), permezz ta' deċiżjoni tat-22 ta' Ġunju 2022, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fit-22 ta' Lulju 2022, fil-proċedura

**EI**

vs

**SC Brink's Cash Solutions SRL**

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Is-Seba' Awla),

komposta minn M. L. Arastey Sahún, Presidenta tal-Awla, F. Biltgen (Relatur) u J Passer, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: P. Pikamäe,

Reġistratur: A. Calot Escobar,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tal-24 ta' Mejju 2023,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

– għal EI, minn V. Stănilă, avocat,

– għal SC Brink's Cash Solutions SRL, minn S. Șusnea u R. Zahanagiu, avocați,

– għall-Gvern Rumen, minn M. Chicu, E. Gane u O.-C. Ichim, bħala aġenti,

* Lingwa tal-kawża: ir-Rumen.

– għall-Gvern Ġermaniż, minn J. Möller u A. Hoesch, bħala aġenti,

– għall-Gvern Elleniku, minn V. Baroutas u M. Tassopoulou, bħala aġenti,

– għall-Kummissjoni Ewropea, minn C. Gheorghiu, C Hödlmayr u B.-R. Killmann, bħala aġenti,

wara li rat id-deċiżjoni meħuda, wara li nstema' l-Avukat Ġenerali, li taqta' l-kawża mingħajr konklużjonijiet,

tagħti l-preżenti

## Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 1(1)(b) u tal-Artikolu 6 tad-Direttiva tal-Kunsill 98/59/KE tal-20 ta' Lulju 1998 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri dwar redundancies kollettivi (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 3, p. 327), kif emendata bid-Direttiva (UE) 2015/1794 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Ottubru 2015 (ĠU 2015, L 263, p. 1) (iktar 'il quddiem id-"Direttiva 98/59").

2 Din it-talba tressqet fil-kuntest ta' tilwima bejn EI u l-persuna li kienet timpjegah preċedentement, SC Brink's Cash Solutions SRL, dwar it-tkeċċija tiegħu.

### Il-kuntest ġuridiku

### *Id-Direttiva 98/59*

3 Skont il-premessi 2, 6 u 12 tad-Direttiva 98/59:

"(2) Billi huwa importanti li jkun hemm iżjed protezzjoni għall-ħaddiema fil-każ ta' redundancies kollettivi waqt li jittieħed kont tal-bżonn ta' żvilupp ibbilanċjat ekonomiku u soċjali fil-Komunità;

[…]

(6) Billi l-Karta tal-Komunità dwar id-drittijiet soċjali fundamentali tal-ħaddiema, li ġiet adottata fil-laqgħa tal-Kunsill Ewropew fi Strasbourgu fid-9 ta' Diċembru 1989 mill-Kapijiet ta' l-Istat jew tal-Gvern tal-ħdax-il Stat Membru, tgħid, inter alia, fil-punt 7, l-ewwel paragrafu, l-ewwel sentenza, u fit-tieni paragrafu; fil-punt 17, l-ewwel paragrafu; u fil-punt 18, it-tielet inċiż:

"7 Il-kompletazzjoni tas-suq intern għandha twassal għal titjib fil-kondizzjonijiet ta' l-għixien u tax-xogħol fil-Komunità Ewropea (…).

It-titjib għandu jkopri, meta neċessarju, l-iżvilupp ta' ċerti aspetti tar-regolamenti ta' l-impjieg bħal proċeduri għall- redundancies kollettivi u dawk li jirrigwardaw il-falliment.

(...)

17. L-informazzjoni, il-konsultazzjoni u l-parteċipazzjoni għall-ħaddiema għandhom jiġu żviluppati b'mod approprijat, b'kont meħud tal-prattiċi fis-seħħ fil-varji Stati Membri.

(...)

18. Din l-informazzjoni, konsultazzjoni u parteċipazzjoni għandha tiġi implimentata fi żmien dovut, partikolarment fil-każijiet li ġejjin:

(–...)

(–...)

– f'każijiet ta' proċeduri għal redundancies kollettivi;

(–...)"

[…]

(12) Billi l-Istati Membri għndhom jiżguraw li r-rapreżentanti tal-ħaddiema u/jew il-ħaddiema jkollom għad-dispożizzjoni tagħhom proċeduri amministrattivi jew ġudizzjarji sabiex jassiguraw li l-obbligi stabbiliti f'din id-Direttiva jitwettqu;

4 L-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 1(1)(b) ta' din id-direttiva jipprovdi:

Għall-iskopijiet ta' din id-Direttiva:

[…]

(b) 'rappreżentanti tal-ħaddiema' jfisser

ir-rappreżentanti tal-ħaddiema previsti mill-liġijiet jew mill-prattiċi ta' l-Istati Membri."

5 L-Artikolu 2 tal-imsemmija direttiva, li jagħmel parti mit-Taqsima II tagħha, bit-titolu "L-informazzjoni u l-konsultazzjoni", jipprovdi:

"1. Meta dak li jħaddem ikun qed jikkontempla redundancies kollettivi, huwa għandu jibda konsultazzjonijiet mar-rappreżentanti tal-ħaddiema fi żmien tajjeb bl-iskop li jintlaħaq ftehim.

2. Dawn il-konsultazzjonijiet għandhom, mill-inqas, ikopru mezzi u miżuri li jevitaw redundancies kollettivi jew tnaqqis ta' numri ta' impjegati affettwati, u biex jittaffew il-konsegwenzi billi jkun hemm rikors għal miżuri soċjali magħhom immirati, inter alia, li jgħinu għall-impjieg jew it-taħriġ mll-ġdid tal-ħaddiema mingħajr xogħol.

[…]

3. Sabiex jgħinu r-rappreżentanti tal-ħaddiema biex jagħmlu proposti kostruttivi, min iħaddem għandu fi żmien tajjeb matul il-konsultazzjonijiet:

(a) ifornihom bl-informazzjoni rilevanti kollha u

(b) f'kull każ jagħtihom notifka bil-miktub:
    (i) tar-raġunijiet għar- redundancies ipproġettati;

(ii) tan-numri tal-kategoriji ta' ħaddiema li se jisfaw bla xogħol;
(iii) tan-numri u l-kategoriji tal-ħaddiema normalment impjegati;
(iv) tal-perijodu meta r-redundancies ipproġettati għandhom jiġu effettwati;
(v) tal-kriterji proposti għas-selezzjoni tal-ħaddiema li se jisfaw bla xogħol sakemm u safejn il-leġislazzjoni u/jew il-prattika nazzjonali jagħtu l-poter għal dan lil min iħaddem;
(vi) tal-metodu għall-kalkolu ta' xi pagamenti tar- redundancy ta' xort' oħra minn dawk ikkawżati mil-leġislazzjoni u/jew il-prattika nazzjonali.

[…]"

6 L-Artikolu 3 tal-istess direttiva, li jinsab fit-Taqsima III tagħha, bit-titolu "Il-proċedura għal redundancies kollettivi", jipprevedi, fil-paragrafu 1 tiegħu:

"Kull min iħaddem għandu jinnotifika lill-awtorità pubblika kompetenti bil-miktub dwar kull pjan ta' redundancies kollettivi.

[…]

Din in-notifika għandu jkollha l-informazzjoni rilevanti kollha li tikkonċerna r- redundancies kollettivi u l-konsultazzjonijiet ippjanati mar-rappreżentanti tal-ħaddiema previsti fl-Artikolu 2, u partikolarment ir-raġunijiet għar-redundancy, in-numru ta' ħaddiema li ser jisfgħu mingħajr xogħol, in-numru ta' ħaddiema normalment impjegati u l-perijodu li fih il- redundancy għandu jiġi effettwat."

7 L-Artikolu 6 tad-Direttiva 98/59 jipprovdi:

"L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-proċeduri ġudizzjarji u amministrattivi għall-infurzar ta' l-obbligi taħt din id-Direttiva huma disponibbli għar-rappreżentanti tal-ħaddiema u/jew għall-ħaddiema."

### *Id-dritt Rumen*

8 Id-Direttiva 98/59 ġiet trasposta fl-ordinament ġuridiku Rumen permezz tal-Legea nr. 53/2003 privind Codul muncii (il-Liġi Nru 53/2003, li tistabbilixxi Kodiċi tax-Xogħol), tal-24 ta' Jannar 2003 (Monitorul Oficial al României, Parti I, Nru 72 tal-5 ta' Frar 2003), fil-verżjoni tagħha ppubblikata mill-ġdid li hija applikabbli għat-tilwima fil-kawża prinċipali (Monitorul Oficial al României, Parti I, Nru 345 tat-18 ta' Mejju 2011) (iktar 'il quddiem il-"Kodiċi tax-Xogħol").

9 L-Artikolu 69 tal-Kodiċi tax-Xogħol jipprovdi:

"(1) Meta l-persuna li timpjega tikkontempla li twettaq tkeċċijiet kollettivi, hija għandha, fi żmien xieraq u bil-għan li jintlaħaq ftehim, taħt il-kundizzjonijiet previsti mil-liġi, tibda konsultazzjonijiet mas-sindakat jew, skont il-każ, mar-rappreżentanti tal-impjegati, li jkunu jirrigwardaw mill-inqas:

(a) il-metodi u l-mezzi sabiex jiġu evitati t-tkeċċijiet kollettivi jew sabiex jitnaqqas in-numru ta' impjegati li għandhom jitkeċċew;

(b) it-tnaqqis tal-konsegwenzi tat-tkeċċija permezz tal-użu ta' miżuri soċjali intiżi, b'mod partikolari, li jgħinu fil-konverżjoni professjonali mill-ġdid tal-impjegati mkeċċija.

(2) Matul il-konsultazzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1, sabiex is-sindikat jew ir-rappreżentanti tal-impjegati jkunu jistgħu jifformulaw proposti fi żmien xieraq, il-persuna li timpjega għandha tipprovdilhom l-informazzjoni kollha rilevanti u tikkomunikalhom bil-miktub dan li ġej:

(a) in-numru totali u l-kategoriji tal-impjegati;

(b) ir-raġunijiet għall-pjan ta' tkeċċija;

(c) in-numru u l-kategoriji tal-impjegati li ser ikunu affettwati mit-tkeċċija;

(d) il-kriterji meħuda inkunsiderazzjoni, skont il-liġi u/jew il-ftehimiet kollettivi ta' xogħol, sabiex tiġi ddeterminata l-ordni ta' prijorità fil-kuntest tat-tkeċċija;

(e) il-miżuri previsti sabiex jiġi limitat in-numru ta' tkeċċijiet;

(f) il-miżuri intiżi li jtaffu l-konsegwenzi tat-tkeċċija u l-kumpensi li għandhom jingħata lill-impjegati mkeċċija, skont il-liġi u/jew il-ftehim kollettiv ta' xogħol applikabbli;

(g) id-data li minnha jew il-perijodu li matulu ser iseħħu t-tkeċċijiet;

(h) it-terminu li fih is-sindakat jew, jekk ikun il-każ, ir-rappreżentanti tal-impjegati jistgħu jagħmlu proposti intiżi li jiġu evitati it-tkeċċijiet jew intiżi li jitnaqqas in-numru ta' impjegati mkeċċija.

(3) Il-kriterji previsti fil-paragrafu 2(d) għandhom japplikaw għall-finijiet ta' teħid ta' deċiżjoni bejn l-impjegati wara l-evalwazzjoni tat-twettiq tal-għanijiet ta' prestazzjoni.

[…]"

10 L-Artikolu 70 ta' dan il-kodiċi jipprovdi:

"Il-persuna li timpjega għandha tibgħat kopja tal-komunikazzjoni msemmija fl-Artikolu 69(2) lill-Ispettorat Territorjali tax-Xogħol u lill-Aġenzija Territorjali tal-Impjieg fl-istess data bħal dik li fiha hija tkun bagħtitha lis-sindakat jew, jekk ikun il-każ, lir-rappreżentanti tal-impjegati."

11 Skont l-Artikolu 71(1) tal-imsemmi kodiċi:

"Is-sindakat jew, jekk ikun il-każ, ir-rappreżentanti tal-impjegati jistgħu jipproponu lill-persuna li timpjega miżuri intiżi li jiġu evitati t-tkeċċijiet jew intiżi li jitnaqqas in-numru ta' impjegati mkeċċija, f'terminu ta' għaxart ijiem kalendarji mid-data li fiha tiġi rċevuta l-komunikazzjoni."

12 L-Artikolu 221 tal-istess kodiċi huwa fformulat kif ġej:

"(1) Fuq il-livell tal-persuni li jimpjegaw li jimpjegaw iktar minn 20 impjegat u li ma jkollhomx organizzazzjonijiet sindakali rappreżentattivi kkostitwiti skont il-liġi, l-interessi tal-impjegati jistgħu jiġu promossi u difiżi mir-rappreżentanti tagħhom, eletti u li jkollhom mandat speċjali għal dan l-għan.

(2) Ir-rappreżentanti tal-impjegati għandhom jiġu eletti fil-kuntest ta' assemblea ġenerali tal-impjegati, b'vot ta' mill-inqas nofs in-numru totali ta' impjegati.

(3) Ir-rappreżentanti tal-impjegati ma jistgħux jeżerċitaw attivitajiet li, skont il-liġi, jaqgħu esklużivament taħt is-sindakati."

13 L-Artikolu 222 tal-Kodiċi tax-Xogħol jipprovdi:

"(1) Ir-rappreżentanti tal-impjegati għandhom jiġu eletti minn fost l-impjegati li jkollhom kapaċità sħiħa sabiex jeżerċitaw il-funzjonijiet tagħhom.

(2) In-numru ta' rappreżentanti eletti tal-impjegati għandu jiġi stabbilit bi ftehim komuni mal-persuna li timpjega, skont in-numru ta' impjegati li hija timpjega.

(3) It-tul tal-mandat tar-rappreżentanti tal-impjegati ma jistax jaqbeż is-sentejn."

**Il-kawża prinċipali u d-domandi preliminari**

14 Fl-14 ta' Awwissu 2014, ir-rikorrent fil-kawża prinċipali kkonkluda kuntratt ta' xogħol mal-konvenuta fil-kawża prinċipali bħala aġent tat-trasport ta' fondi.

15 Fil-kuntest tal-pandemija kkawżata mill-coronavirus SARS-CoV-2 u tal-istabbiliment tal-istat ta' emerġenza fir-Rumanija bejn is-16 ta' Marzu u l-15 ta' Mejju 2020, il-konvenuta fil-kawża prinċipali esperjenzat tnaqqis sinjifikattiv fl-attività tagħha fuq il-livell nazzjonali, li kellu effett fuq il-profitti tagħha. F'dan il-kuntest partikolari, hija ddeċidiet li tirristruttura l-impriża tagħha u bdiet proċedura ta' tkeċċija kollettiva, intiża għat-tneħħija ta' 128 pożizzjoni fuq livell nazzjonali. Fit-12, fit-13 u fil-15 ta' Mejju 2020, hija kkomunikat l-intenzjoni tagħha li tibda din il-proċedura ta' tkeċċija lill-awtoritajiet ikkonċernati, jiġifieri l-Agenția Municipală pentru Ocupara Forței de Muncă București (l-Aġenzija Territorjali tal-Impjieg tal-Muniċipalità ta' Bukarest, ir-Rumanija), l-Inspecția Muncii (l-Ispettorat tax-Xogħol, ir-Rumanija) u l-Inspectoratul Teritorial de Muncă al Municipiului București (l-Ispettorat Territorjali tax-Xogħol tal-Muniċipalità ta' Bukarest, ir-Rumanija). Din il-komunikazzjoni kienet tindika espressament li t-tkeċċijiet tal-ħaddiema kkonċernati kienu ser iseħħu bejn id-19 ta' Mejju u t-2 ta' Lulju 2020. Peress li l-mandat tar-rappreżentanti tal-ħaddiema nnominati qabel kien skada fit-23 ta' April 2020 mingħajr ma kienu ġew eletti rappreżentanti ġodda, l-imsemmija komunikazzjoni ma ġietx trażmessa lil dawn ir-rappreżentanti. L-istess komunikazzjoni lanqas ma ġiet ikkomunikata individwalment lil kull ħaddiem affettwat mill-imsemmija proċedura ta' tkeċċija.

16 Ir-rikorrent fil-kawża prinċipali, li jagħmel parti mill-128 ħaddiem imkeċċi, ippreżenta rikors kontra d-deċiżjoni relatata mat-tkeċċija tiegħu, li ġie miċħud fl-ewwel istanza. Huwa appella quddiem il-qorti tar-rinviju, fejn sostna li l-konvenuta fil-kawża prinċipali kellha l-obbligu imperattiv li tinforma u tikkonsulta mal-ħaddiema individwalment (iktar 'il quddiem l-"istadju ta' informazzjoni u ta' konsultazzjoni mal-ħaddiema"), anki fin-nuqqas ta' sindakat jew ta' rappreżentanti nnominati sabiex jiddefendu l-interessi tagħhom. F'sitwazzjoni partikolari bħal din inkwistjoni fil-kawża prinċipali, kienet il-konvenuta fil-kawża prinċipali li kellha tinforma lill-ħaddiema kkonċernati dwar il-ħtieġa li jinnominaw rappreżentanti ġodda għall-finijiet tal-istess proċedura ta' tkeċċija.

17 Il-konvenuta fil-kawża prinċipali, min-naħa tagħha, issostni li, minħabba l-assenza ta' tiġdid tal-mandati tar-rappreżentanti tal-ħaddiema, hija sabet ruħha f'sitwazzjoni atipika ta' assenza ta' sieħeb soċjali. Fil-fatt, l-assenza ta' koordinazzjoni tal-impjegati kienet irrendiet impossibbli li jiġu nnominati rappreżentanti debitament mandatati matul il-proċedura ta' tkeċċija kollettiva.

Għaldaqstant, l-informazzjoni u l-konsultazzjoni mar-rappreżentanti tal-ħaddiema ma setgħux iseħħu u, sa fejn il-leġiżlazzjoni nazzjonali kkonċernata tipprevedi li din il-proċedura għandha titmexxa mas-sindakat u/jew mar-rappreżentanti tal-impjegati u mhux mal-impjegati meħuda individwalment, hija kienet ġiet eżentata milli tinforma u milli tikkonsulta individwalment mal-ħaddiema.

18 Il-qorti tar-rinviju tirrileva li ħaddiema oħra kkontestaw il-legalità tal-proċedura ta' tkeċċija kollettiva mibdija mill-konvenuta fil-kawża prinċipali quddiem il-qrati Rumeni, li qiesu li d-deċiżjonijiet ta' tkeċċija kienu konformi mal-liġi. Il-qorti tar-rinviju tqis li l-Artikolu 2(3) tad-Direttiva 98/59, moqri fid-dawl tal-premessi 2, 6 u 12 tagħha, għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali li, fin-nuqqas ta' mekkaniżmu nazzjonali obbligatorju għan-nomina ta' rappreżentanti tal-ħaddiema, tirrendi mingħajr kontenut, f'każ bħal dak inkwistjoni fil-kawża prinċipali, l-obbligu ta' informazzjoni u ta' konsultazzjoni mal-ħaddiema. Fil-fehma tagħha, l-interpretazzjoni tal-Artikolu 2(3) tad-Direttiva 98/59, moqri flimkien mal-Artikolu 6 ta' din id-direttiva, turi li l-istadju ta' informazzjoni u ta' konsultazzjoni mal-ħaddiema, anki fl-assenza ta' rappreżentanti tal-ħaddiema, huwa obbligatorju fil-kuntest ta' proċedura ta' tkeċċija kollettiva, u dan minkejja l-fatt li dan bl-ebda mod ma jbiddel il-pjan ta' ristrutturazzjoni previst mill-persuna li timpjega.

19 Il-qorti tar-rinviju tirrileva, madankollu, li qrati nazzjonali oħra tal-appell, li kellhom jagħtu deċiżjoni dwar l-interpretazzjoni u l-applikazzjoni ta' dawn id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 98/59, waslu għall-konklużjoni opposta billi bbażaw ruħhom fuq interpretazzjoni letterali ta' din id-direttiva, li skontha r-rappreżentanti tal-ħaddiema huma l-uniċi koperti mill-obbligu ta' informazzjoni u ta' konsultazzjoni. Għalhekk, skont dawn il-qrati, fl-assenza ta' rappreżentanti tal-ħaddiema, persuna li timpjega ma tkunx meħtieġa tosserva l-istadju ta' informazzjoni u ta' konsultazzjoni mal-ħaddiema.

20 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Curtea de Apel București (il-Qorti tal-Appell ta' Bukarest, ir-Rumanija) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari segwenti:

"(1) [L-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 1(1)(b)] u l-Artikolu 6 tad-Direttiva [98/59], moqrija fid-dawl tal-premessi 2 u 6 tal-preambolu tal-istess direttiva, jipprekludu leġiżlazzjoni nazzjonali li tippermetti lil persuna li timpjega ma tikkonsultax il-ħaddiema suġġetti għal proċedura ta' tkeċċija kollettiva peress li ma għandhom l-ebda rappreżentant maħtur u lanqas ma għandhom obbligu legali li jaħtru rappreżentant?

(2) [L-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 1(1)(b)] u l-Artikolu 6 tad-Direttiva 98/59, moqrija fid-dawl tal-premessi 2 u 6 tal-preambolu tal-istess direttiva, għandhom jiġu interpretati fis-sens li, fis-sitwazzjoni deskritta iktar 'il fuq, il-persuna li timpjega għandha l-obbligu li tinforma u tikkonsulta lill-impjegati kollha suġġetti għall-proċedura ta' tkeċċija kollettiva?"

## Fuq l-ammissibbiltà tat-talba għal deċiżjoni preliminari

21 Il-konvenuta fil-kawża prinċipali tikkontesta l-ammissibbiltà tat-talba għal deċiżjoni preliminari minħabba li d-domandi magħmula mill-qorti tar-rinviju jikkonċernaw fir-realtà l-interpretazzjoni u l-applikazzjoni tad-dritt nazzjonali. Fil-fatt, qabel kollox, il-qorti tar-rinviju tiddeċiedi fuq l-assenza, fid-dritt nazzjonali, ta' obbligu legali ta' konsultazzjoni u ta' informazzjoni impost fuq il-persuni li jimpjegaw fil-każ li l-impjegati ma jkunux innominaw

rappreżentanti u hija tirreferi għad-diverġenzi ta' interpretazzjoni eżistenti fil-ġurisprudenza nazzjonali f'dan ir-rigward. Sussegwentement, il-qorti tar-rinviju tfittex li tiġi kkonstatata t-traspożizzjoni inkorretta tad-Direttiva 98/59 fid-dritt Rumen. Issa, tali konstatazzjoni ma tistax issir fil-kuntest ta' proċedura għal deċiżjoni preliminari, iżda għandha tkun is-suġġett ta' rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu. Fl-aħħar, skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, direttiva ma tistax, minnha nfisha, toħloq obbligi fir-rigward ta' individwu u għaldaqstant ma tistax tiġi invokata bħala tali fil-konfront ta' dan ta' l-aħħar.

22 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li, skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, fil-kuntest tal-kooperazzjoni bejn din tal-aħħar u l-qrati nazzjonali stabbilita fl-Artikolu 267 TFUE, hija biss il-qorti nazzjonali adita bit-tilwima u li għandha tagħti d-deċiżjoni ġudizzjarja sussegwenti, li għandha tevalwa, fid-dawl taċ-ċirkustanzi partikolari tal-kawża, kemm il-ħtieġa ta' deċiżjoni preliminari sabiex tkun f'pożizzjoni li tagħti d-deċiżjoni tagħha kif ukoll ir-rilevanza tad-domandi li hija tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja. Konsegwentement, meta d-domandi magħmula jkunu jirrigwardaw l-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja hija, bħala prinċipju, marbuta tagħti deċiżjoni (sentenza tad-29 ta' Ġunju 2023, International Protection Appeals Tribunal *et* (Attentat fil-Pakistan) C-756/21, EU:C:2023:523, punt 35 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

23 B'hekk, id-domandi dwar l-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni magħmula mill-qorti nazzjonali fil-kuntest leġiżlattiv u fattwali li hija għandha r-responsabbiltà tiddefinixxi, u li ma huwiex il-kompitu tal-Qorti tal-Ġustizzja li tivverifika l-eżattezza tiegħu, igawdu minn preżunzjoni ta' rilevanza. Iċ-ċaħda mill-Qorti tal-Ġustizzja ta' talba mressqa minn qorti nazzjonali tkun possibbli biss meta jkun jidher b'mod ċar li l-interpretazzjoni mitluba tad-dritt tal-Unjoni ma jkollha ebda rabta mar-realtà jew mas-suġġett tat-tilwima fil-kawża prinċipali, meta l-problema tkun ta' natura ipotetika jew meta l-Qorti tal-Ġustizzja ma jkollhiex għad-dispożizzjoni tagħha l-punti ta' fatt u ta' dritt meħtieġa sabiex tirrispondi b'mod utli għad-domandi li jkunu sarulha (sentenza tad-29 ta' Ġunju 2023, International Protection Appeals Tribunal *et* (Attentat fil-Pakistan) C-756/21, EU:C:2023:523, punt 36 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

24 F'dan il-każ, ma jirriżultax b'mod evidenti mill-fajl ippreżentat lill-Qorti tal-Ġustizzja li s-sitwazzjoni inkwistjoni fil-kawża tikkorrispondi għal xi waħda minn dawn l-ipoteżijiet. Fil-fatt, huwa paċifiku li r-rikorrent fil-kawża prinċipali tkeċċa fil-kuntest ta' proċedura ta' tkeċċija kollettiva u li d-dispożizzjonijiet nazzjonali inkwistjoni fil-kawża prinċipali huma intiżi li jiżguraw it-traspożizzjoni fid-dritt Rumen tad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 98/59 li l-interpretazzjoni tagħhom hija mitluba.

25 Barra minn hekk, għandu jiġi kkonstatat, minn naħa, li l-qorti tar-rinviju tidentifika suffiċjentement id-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni li l-interpretazzjoni tagħhom jidhrilha li hija neċessarja u d-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi tax-Xogħol li jistgħu eventwalment ikunu inkompatibbli ma' dawn id-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni. Min-naħa l-oħra, l-elementi li jinstabu fit-talba għal deċiżjoni preliminari jippermettu li jinftehmu id-domandi magħmula mill-qorti tar-rinviju u l-kuntest li fih dawn saru.

26 It-talba għal deċiżjoni preliminari hija għalhekk konformi mar-rekwiżiti li jirriżultaw mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja u mfakkra fil-punt 22 ta' din is-sentenza.

27 Fir-rigward tal-argument li direttiva ma tistax, minnha nnifisha, toħloq obbligi fir-rigward ta' individwu u għalhekk ma tistax tiġi invokata, bħala tali, kontra dan tal-aħħar, għandu jitfakkar li, għalkemm huwa minnu li l-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet ripetutament li anki dispożizzjoni ċara,

preċiża u inkundizzjonata ta' direttiva intiża li tikkonferixxi drittijiet jew li timponi obbligi fuq l-individwi ma tistax tiġi applikata bħala tali fil-kuntest ta' tilwima esklużivament bejn individwi (sentenza tas-7 ta' Awwissu 2018, Smith, C-122/17, EU:C:2018:631, punt 43 u l-ġurisprudenza ċċitata) u li direttiva ma tistax tiġi invokata f'tilwima bejn individwi sabiex tiġi eskluża l-leġiżlazzjoni ta' Stat Membru kuntrarja għal din id-direttiva (sentenza tas-7 ta' Awwissu 2018, Smith, C-122/17, EU:C:2018:631, punt 44), madankollu minn dan ma jirriżultax li talba għal deċiżjoni preliminari dwar l-interpretazzjoni ta' direttiva mqajma fil-kuntest ta' tilwima bejn individwi hija inammissibbli.

28 Fil-fatt, l-interpretazzjoni ta' direttiva fil-kuntest ta' tali tilwima tista' tkun neċessarja sabiex qorti nazzjonali, mitluba tapplika d-dritt nazzjonali tagħha, tinterpreta dan id-dritt, sa fejn ikun possibbli, fid-dawl tat-test kif ukoll tal-iskop ta' din id-direttiva sabiex jintlaħaq ir-riżultat stabbilit minnha u sabiex b'hekk tikkonforma ruħha mat-tielet paragrafu tal-Artikolu 288 TFUE. (ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tal-5 ta' Ottubru 2004, Pfeiffer *et*, C-397/01 sa C-403/01, EU:C:2004:584, punti 113 u 114; tad-19 ta' April 2016, DI, C-441/14, EU:C:2016:278, punt 31; u tas-7 ta' Awwissu 2018, Smith, C-122/17, EU:C:2018:631, punt 39).

29 Konsegwentement, it-talba għal deċiżjoni preliminari hija ammissibbli.

## Fuq id-domandi preliminari

30 Hekk kif jirriżulta mill-punt 18 ta' din is-sentenza, id-domandi tal-qorti tar-rinviju ma humiex limitati għall-interpretazzjoni tal-punt (b) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 1(1) u tal-Artikolu 6 tad-Direttiva 98/59, iżda jkopru wkoll dik tal-Artikolu 2(3) ta' din id-direttiva. Għaldaqstant, hemm lok li ż-żewġ domandi preliminari magħmula, li għandhom jiġu eżaminati flimkien, jinftiehmu bħala li huma intiżi, essenzjalment, li jsir magħruf jekk il-punt (b) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 1(1), l-Artikolu 2(3) u l-Artikolu 6 tad-Direttiva 98/59 għandhomx jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu leġiżlazzjoni nazzjonali li ma tipprevedix obbligu għal persuna li timpjega li tikkonsulta individwalment mal-ħaddiema kkonċernati minn pjan ta' tkeċċija kollettiva, meta dawn il-ħaddiema ma jkunux innominaw rappreżentanti tal-ħaddiema, u li ma tobbligax lill-imsemmija ħaddiema jwettqu tali nomina.

31 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li l-għan prinċipali tad-Direttiva 98/59 jikkonsisti f'li qabel it-tkeċċijiet kollettivi jkun hemm konsultazzjoni mar-rappreżentanti tal-ħaddiema kkonċernati u l-awtorità pubblika kompetenti tiġi informata (sentenza tas-17 ta' Marzu 2021, Consulmarketing, C-652/19, EU:C:2021:208, punt 40 u l-ġurisprudenza ċċitata).

32 Barra minn hekk il-Qorti tal-Ġustizzja b'mod ripetut iddeċidiet li d-dritt ta' informazzjoni u ta' konsultazzjoni previst mid-Direttiva 98/59 huwa intiż għar-rappreżentanti tal-ħaddiema, u mhux għall-ħaddiema meħuda individwalment (sentenza tas-16 ta' Lulju 2009, Mono Car Styling, C-12/08, EU:C:2009:466, punt 38). Hija żiedet li l-Artikolu 2(3) ta' din id-direttiva jagħti lill-ħaddiema kkonċernati protezzjoni kollettiva u mhux individwali (sentenza tat-13 ta' Lulju 2023, G GmbH, C-134/22, EU:C:2023:567, punt 37).

33 Mill-Artikolu 3 tad-Direttiva 98/59, li jipprevedi l-obbligu ta' komunikazzjoni lill-awtorità pubblika kompetenti ta' kull pjan ta' tkeċċija kollettiva flimkien mal-informazzjoni kollha utli relatata miegħu u mal-konsultazzjonijiet mar-rappreżentanti tal-ħaddiema, jirriżulta li biss

ir-rappreżentanti tal-ħaddiema għandhom jirċievu kopja tal-komunikazzjoni inkwistjoni u li dawn tal-aħħar jistgħu jibagħtu l-osservazzjonijiet eventwali tagħhom lil din l-awtorità pubblika, fejn tali possibbiltà ma hijiex mogħtija lill-ħaddiema meħuda individwalment.

34 Għaldaqstant, għandu jiġi kkonstatat li d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 98/59 ma jipprevedux obbligu għal persuna li timpjega li tinforma u li tikkonsulta individwalment mal-ħaddiem kkonċernati minn pjan tkeċċija kollettiva.

35 Din il-konstatazzjoni hija kkorroborata mill-oriġini tad-Direttiva 98/59, li, fil-fatt, ifformulat mill-ġdid id-Direttiva tal-Kunsill 75/129/KEE tas-17 ta' Frar 1975 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri relatati mat-tkeċċijiet kollettivi (ĠU 1975, L 48, p. 29). Issa, mix-xogħol preparatorju tad-Direttiva 98/59 jirriżulta li kien maħsub li tiġi introdotta dispożizzjoni li tipprovdi li, fl-assenza ta' rappreżentanti ta' ħaddiema fl-istabbilimenti li normalment jimpjegaw inqas minn 50 ħaddiem, il-persuni li jimpjegaw kellhom li l-obbligu jipprovdu fi żmien xieraq lill-ħaddiema kkonċernati mill-pjan ta' tkeċċija kollettiva informazzjoni identika għal dik li kellha tingħata lir-rappreżentanti tal-ħaddiema. Madankollu, din il-proposta ma ġietx adottata.

36 L-imsemmija konstatazzjoni hija konformi mal-għan imsemmi fl-Artikolu 2 tad-Direttiva 98/59, jiġifieri li l-persuni li jimpjegaw li jkollhom l-intenzjoni jwettqu tkeċċijiet kollettivi jkollhom l-obbligu jwettqu konsultazzjonijiet mar-rappreżentanti tal-ħaddiema dwar il-possibbiltajiet li jiġu evitati jew li titnaqqas il-portata ta' dawn it-tkeċċijiet kollettivi jew li jittaffu l-konsegwenzi tagħhom. Fil-fatt, l-informazzjoni ta' kull wieħed mill-ħaddiema kkonċernati meħuda individwalment jew konsultazzjoni ma' kull wieħed minnhom ma hijiex manifestament ta' natura li tiżgura li dan l-għan jintlaħaq, peress li, minn naħa, l-interessi tal-ħaddiema meħuda individwalment jistgħu ma jikkorrispondux għall-interessi tal-ħaddiema kkunsidrati flimkien u, min-naħa l-oħra, il-ħaddiema meħuda individwalment ma għandhomx leġittimità sabiex jintervjenu f'isem il-ħaddiema kollha kemm huma. Għaldaqstant, kuntrarjament għal dak li sostna l-Gvern Elleniku waqt is-seduta, l-informazzjoni ta' kull ħaddiem meħud individwalment ma tistax titqies bħala obbligu minimu previst mid-Direttiva 98/59.

37 Għaldaqstant, peress li d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 98/59 ma jipprevedux obbligu għal persuna li timpjega li tinforma u li tikkonsulta individwalment mal-ħaddiema kkonċernati minn pjan ta' tkeċċija kollettiva, dawn id-dispożizzjonijiet għandhom jiġu interpretati fis-sens li ma jipprekludux leġiżlazzjoni nazzjonali li, fil-każ ta' assenza ta' rappreżentanti tal-ħaddiema, ma tobbligax lil persuna li timpjega tinforma u tikkonsulta individwalment kull ħaddiem ikkonċernat minn tali pjan.

38 Madankollu, għandu jitfakkar ukoll li leġiżlazzjoni nazzjonali li tkun tippermetti li tiġi ostakolata l-protezzjoni ggarantita, b'mod inkundizzjonat, lill-ħaddiema minn direttiva tkun tmur kontra d-dritt tal-Unjoni. (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-8 ta' Ġunju 1994, Il-Kummissjoni vs Ir-Renju Unit (C-383/92, EU:C:1994:234, punt 21 u l-ġurisprudenza ċċitata).

39 Fir-rigward tad-Direttiva 75/129, issostitwita bid-Direttiva 98/59, li tirriproduċi, fl-Artikoli 1, 2 u 3 tagħha, essenzjalment, l-Artikoli 1, 2 u 3 tad-Direttiva 75/129, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li, għalkemm huwa minnu li d-Direttiva 75/129 ma tinkludi ebda dispożizzjoni intiża li tirregola l-każ fejn, taħt id-dritt nazzjonali, ma jkunx hemm rappreżentanti tal-ħaddiema f'impriża li jkollha l-intenzjoni li twettaq tkeċċijiet kollettivi, xorta jibqa' l-fatt li d-dispożizzjonijiet tagħha jobbligaw

lill-Istati Membri jieħdu l-miżuri kollha neċessarji sabiex il-ħaddiema jiġu informati, ikkonsultati u jkunu jistgħu jintervjenu permezz ta' rappreżentanti fil-każ ta' tkeċċijiet kollettivi (sentenza tat-8 ta' Ġunju 1994, Il-Kummissjoni vs Ir-Renju Unit, C-383/92, EU:C:1994:234, punt 23).

40 Il-Qorti tal-Ġustizzja żiedet li n-natura limitata tal-armonizzazzjoni parzjali żgurata mid-Direttiva 75/129 f'dak li jirrigwarda r-regoli ta' protezzjoni tal-ħaddiema fil-każ ta' tkeċċijiet kollettivi, b'mod partikolari permezz tar-riferiment, fl-Artikolu 1(1)(b) tagħha, għar-rappreżentanti tal-ħaddiema "previsti mil-leġiżlazzjoni jew mill-prattiċi tal-Istati Membri" [traduzzjoni mhux uffiċjali], ma tistax trendi d-dispożizzjonijiet ta' din id-direttiva ineffettivi u ma tipprekludix li l-Istati Membri jkunu obbligati jieħdu l-miżuri kollha xierqa sabiex rappreżentanti tal-ħaddiema jiġu nnominati sabiex jiġu ssodisfatti l-obbligi previsti fl-Artikoli 2 u 3 tal-imsemmija direttiva. (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-8 ta' Ġunju 1994, Il-Kummissjoni vs Ir-Renju Unit (C-383/92, EU:C:2005:234, punt 25).

41 Leġiżlazzjoni nazzjonali li tkun tippermetti lil persuna li timpjega tevita jew tostakola l-protezzjoni tad-drittijiet iggarantiti lill-ħaddiema mid-Direttiva 98/59, b'mod partikolari, billi tipprekludi l-eżistenza jew ir-rikonoxximent ta' rappreżentanza ta' ħaddiema fl-impriża tagħha, manifestament ma tkunx tissodisfa dawn ir-rekwiżiti. (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-8 ta' Ġunju 1994, Il-Kummissjoni vs Ir-Renju Unit (C-383/92, EU:C:2005:234, punti 26 u 27).

42 F'dan il-każ, minn naħa, fid-dawl tal-informazzjoni li tinsab fil-fajl ippreżentat lill-Qorti tal-Ġustizzja, jidher li l-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni fil-kawża prinċipali, b'mod partikolari l-Kodiċi tax-Xogħol, tagħti lill-ħaddiema d-dritt li jinnominaw rappreżentanti u li, kuntrarjament għal dak li kien il-każ fil-kawża li tat lok għas-sentenza tat-8 ta' Ġunju 1994, Il-Kummissjoni vs Ir-Renju Unit (C-383/92, EU:C:1994:234), skont din il-leġiżlazzjoni, persuna li timpjega ma tistax topponi għall-eżistenza ta' rappreżentanza tal-ħaddiema.

43 Min-naħa l-oħra, hekk kif jirriżulta mit-talba għal deċiżjoni preliminari, il-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni fil-kawża prinċipali ma tipprevedix obbligu għall-ħaddiema li jinnominaw rappreżentanti. Issa, anki jekk id-Direttiva 98/59, li ma hijiex intiża li tarmonizza l-modalitajiet u l-proċeduri għan-nomina tar-rappreżentanza tal-ħaddiema fl-Istati Membri, ma tistabbilixxix tali obbligu fuq il-ħaddiema, l-Istati Membri għandhom jiżguraw l-effettività tad-dispożizzjonijiet ta' din id-direttiva. Għalhekk, huma dawn tal-aħħar li għandhom jadottaw il-miżuri kollha xierqa sabiex jiġu nnominati rappreżentanti tal-ħaddiema u li għandhom jiżguraw ruħhom li l-ħaddiema ma jkunux jinsabu f'sitwazzjoni fejn, għal raġunijiet indipendenti mir-rieda tagħhom, ikunu preklużi milli jinnominaw dawn ir-rappreżentanti.

44 Hija l-qorti tar-rinviju, li hija l-unika li għandha ġurisdizzjoni sabiex tinterpreta d-dritt nazzjonali, li għandha tevalwa jekk id-dispożizzjonijiet nazzjonali inkwistjoni fil-kawża prinċipali humiex suffiċjenti f'dan ir-rigward. F'dan il-każ, hija għandha b'mod iktar partikolari teżamina jekk id-dispożizzjonijiet tad-dritt Rumen li jirregolaw in-nomina tar-rappreżentanti tal-ħaddiema u li jillimitaw it-tul tal-mandat tagħhom għal sentejn jistgħux, fil-każ ta' impossibbiltà prattika, mhux imputabbli lill-ħaddiema, li jinnominaw rappreżentanti ġodda, jiġu interpretati fis-sens li dawn jiggarantixxu l-effett sħiħ tad-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 2 u 3 tad-Direttiva 98/59.

45 F'dan ir-rigward, għandu jingħad ukoll, minn naħa, li, kuntrarjament għal dak li l-qorti tar-rinviju tidher li timplika, l-Artikolu 6 tad-Direttiva 98/59, li abbażi tiegħu l-Istati Membri għandhom jiżguraw li r-rappreżentanti tal-ħaddiema u/jew il-ħaddiema jkollhom għad-dispożizzjoni tagħhom proċeduri amministrattivi u/jew ġudizzjarji għall-finijiet tal-infurzar tal-obbligi previsti minn din id-direttiva, huwa rrilevanti f'dan il-każ. Fil-fatt, dan l-Artikolu 6 ma jimponix fuq

l-Istati Membri miżura partikolari fil-każ ta' ksur tal-obbligi stabbiliti mill-imsemmija direttiva, iżda jħallilhom il-libertà li jagħżlu minn fost id-diversi soluzzjonijiet xierqa sabiex jintlaħaq l-għan imfittex mill-istess direttiva, skont id-diversi sitwazzjonijiet li jistgħu jirriżultaw, filwaqt li għandu jiġi ppreċiżat li dawn il-miżuri għandhom madankollu jiżguraw protezzjoni ġudizzjarja effettiva u effikaċi skont l-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u jkollhom effett dissważiv reali. (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-4 ta' Ġunju 2020, Balga, C-32/20. EU:C:2020:441, punt 33, u s-sentenza tas-17 ta' Marzu 2021, Consulmarketing, C-652/19, EU:C:2021:208, punt 43).

46 Min-naħa l-oħra, jekk jiġi preżunt li l-qorti tar-rinviju tasal għall-konklużjoni li l-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni fil-kawża prinċipali ma tistax tiġi interpretata b'mod konformi mad-Direttiva 98/59 u fid-dawl tal-fatt li t-tilwima fil-kawża prinċipali tirrigwarda esklużivament lil individwi, dik il-qorti għandha, jekk ikun il-każ, tieħu inkunsiderazzjoni l-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja li tippermetti lill-parti leża min-nuqqas ta' konformità tad-dritt nazzjonali mad-dritt tal-Unjoni li tikseb mingħand l-Istat Membru inkwistjoni kumpens għad-dannu mġarrab. (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-7 ta' Awwissu 2018, Smith, C-122/17, EU:C:2018:631, punt 56 u l-ġurisprudenza ċċitata).

47 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti, ir-risposta għad-domandi preliminari magħmula għandha tkun li l-punt (b) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 1(1), l-Artikolu 2(3) u l-Artikolu 6 tad-Direttiva 98/59 għandhom jiġu interpretati fis-sens li dawn ma jipprekludux leġiżlazzjoni nazzjonali li ma tipprevedix obbligu għal persuna li timpjega li tikkonsulta individwalment mal-ħaddiema kkonċernati minn pjan ta' tkeċċija kollettiva, meta dawn il-ħaddiema ma jkunux innominaw rappreżentanti tal-ħaddiema, u li ma tobbligax lill-imsemmija ħaddiema jwettqu tali nomina, bil-kundizzjoni li din il-leġiżlazzjoni tippermetti, f'ċirkustanzi indipendenti mir-rieda tal-istess ħaddiema, li jiġi ggarantit l-effett sħiħ ta' dawn id-dispożizzjonijiet ta' din id-direttiva.

## Fuq l-ispejjeż

48 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija dik il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Seba' Awla) taqta' u tiddeċiedi:

**Il-punt (b) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 1(1), l-Artikolu 2(3) u l-Artikolu 6 tad-Direttiva tal-Kunsill 98/59/KE tal-20 ta' Lulju 1998 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri dwar redundancies kollettivi, kif emendata bid-Direttiva (UE) 2015/1794 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Ottubru 2015,**

**għandhom jiġu interpretati fis-sens li:**

**dawn ma jipprekludux leġiżlazzjoni nazzjonali li ma tipprevedix obbligu għal persuna li timpjega li tikkonsulta individwalment mal-ħaddiema kkonċernati minn pjan ta' tkeċċija kollettiva, meta dawn il-ħaddiema ma jkunux innominaw rappreżentanti tal-ħaddiema, u li ma tobbligax lill-imsemmija ħaddiema jwettqu tali nomina, bil-kundizzjoni li din**

**il-leġiżlazzjoni tippermetti, f'ċirkustanzi indipendenti mir-rieda tal-istess ħaddiema, li jiġi ggarantit l-effett sħiħ ta' dawn id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 98/59, kif emendata.**

Firem